

Lussemburgu, 24 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11343/24

DEVGEN 93
FIN 584
NDICI 16
BUDGET 43
ACP 74
RELEX 861

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	24 ta' Ġunju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11106/24
Suġġett:	Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-istrument ta' finanzjament estern tal-NDICI-Ewropa Globali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' Ġunju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-istrument ta' finanzjament estern tal-NDICI-Ewropa Globali, kif approvati mill-Kunsill fl-4038 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Ġunju 2024.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu
tal-istrument ta' finanzjament estern tal-NDICI-Ewropa Globali**

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu tal-Kummissjoni ("ir-rapport") dwar l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 ibbażat fost l-oħrajn fuq evalwazzjoni esterna u f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament NDICI – Ewropa Globali ("ir-Regolament"). Il-Kunsill huwa konxju li wara sentejn ta' implimentazzjoni għadu kmieni wisq għal valutazzjoni bir-reqqa tal-impatt tal-iżvilupp fil-pajjiżi sħab u għalhekk jenfasizza l-importanza li jitkompla l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali. Il-Kunsill jieħu nota tar-rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali¹ u jappella lill-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport, b'mod partikolari fir-rigward tal-mandat ta' koordinazzjoni tad-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ħtieġa għal aktar viżibbiltà.
2. Il-Kunsill iqis li l-NDICI-Ewropa Globali huwa ġeneralment adattat għall-iskop tiegħu u qed jilħaq l-oġettivi tiegħu. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ir-rilevanza ta' dawn l-oġettivi kif ifformulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament. Dawn jinvolve r-rispett u l-promozzjoni tal-valuri, il-prinċipji u l-interessi fundamentali tal-Unjoni madwar id-dinja, u b'hekk jikkontribwixxu għall-qerda tal-faqar, il-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli, il-għieda kontra t-tibdil fil-klima u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat, inkluż il-kawżi primarji tagħhom; il-promozzjoni tal-multilateraliżmu u t-twettiq tal-impenji internazzjonali b'mod partikolari l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi; u l-promozzjoni ta' sħubijiet aktar b'saħħithom ibbażati fuq interessi reċiproċi u sjieda.

¹ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2023-0374_MT.html

3. Il-Kunsill jinnota li l-kuntest ġeopolitiku diffiċli attwali jirrikjedi Unjoni Ewropea li twettaq l-oġġettivi ġeopolitiċi u tal-iżvilupp tagħha, tippromwovi l-valuri u l-interessi ewlenin tal-UE madwar id-dinja, u tirrispondi għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab. F'dan ir-rigward, l-NDICI-Ewropa Globali, permezz tal-ambizzjoni tiegħu li jqiegħed il-politika l-ewwel u permezz tas-sħubijiet imsaħħa, isaħħaħ ir-rwol ġeopolitiku tal-Unjoni. Il-Kunsill ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, flimkien mal-valuri demokratiċi u l-istandards għoljin, il-governanza tajba u t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni huma elementi integrali tat-tiżiħ tal-effiċjenza, it-trasparenza u r-riżultati konkreti tal-isforzi għall-iżvilupp fil-pajjiżi sħab. L-istrument NDICI-Ewropa Globali u l-istrategġja Global Gateway huma għodod ewlenin fil-kisba ta' dawn l-oġġettivi permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa.
4. L-istrumenti esterni tal-UE huma kruċjali biex tiżdied il-koerenza bejn il-politiki tal-UE dwar l-iżvilupp, l-affarijiet barranin, il-klima u l-ambjent, il-kummerċ, il-migrazzjoni u s-sigurtà, u biex tintwera t-tmexxija, ir-responsabbiltà u s-solidarjetà tal-UE fil-livell dinji. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jafferma l-ħtieġa għal koerenza politika aktar b'saħħitha għall-iżvilupp flimkien mal-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp sabiex tinkiseb kooperazzjoni għall-iżvilupp aktar effettiva u biex jinkisbu l-oġġettivi speċifiċi kemm tal-NDICI-Ewropa Globali kif ukoll tal-Aġenda 2030. Il-Kunsill jieħu nota tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD)² u r-rakkomandazzjonijiet biex jiġi żviluppat pjan ta' azzjoni għall-koerenza tal-politika sabiex jiġu fformulati oġġettivi ċari tal-PCD.
5. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Istati Membri tal-UE promossi mill-NDICI-Ewropa Globali u jfakkar fid-dikjarazzjoni tiegħu dwar il-governanza fir-rigward tal-NDICI-Ewropa Globali. Huwa jafferma mill-ġdid ir-rwol kruċjali tiegħu li jagħti gwida strateġika dwar l-oġġettivi u l-prijoritajiet politiċi matul l-implimentazzjoni tal-Istrument u jibqa' impenjat li jżomm dan ir-rwol u li jaħdem bla heda biex itejjeb il-gwida tiegħu. Għal dan l-għan, jappella lill-Kummissjoni biex taqsam l-informazzjoni b'mod regolari, f'waqt u dettaljat. Din il-gwida strateġika tinkludi l-għażliet strateġiċi ġenerali għall-programmazzjoni, l-użu tal-pilastru tar-rispons rapidu u l-mobilizzazzjoni tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, u l-monitoraġġ tal-aħjar użu tar-riżorsi fir-rigward tal-miri kollha, u kif il-finanzjament tal-Unjoni qed jintuża biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Istrument.

² [2021/2164\(INI\) - 14/03/2023 - Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp \(europa.eu\)](#)

6. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-qafas ġenerali għall-implimentazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali huwa kostitwit mill-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp u l-appoġġ tiegħu għall-Aġenda 2030, il-Ftehim ta' Pariġi, u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. Il-Kunsill iħeġġeġ biex l-SDGs, inkluż l-interkonnessjonijiet bejniethom, jinżammu taħt il-lenti, speċjalment għall-irkupru fir-ritmu tal-progress ta' dawk l-SDGs fejn dan waqa' lura, u b'attenzjoni partikolari fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli, il-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed jiżviluppaw fejn il-ħtiġijiet huma l-akbar. Huwa jfakkar li l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-oġettiv kollettiv tal-Unjoni li jipprovdi 0.7 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) bħala ODA fil-perjodu ta' żmien tal-Aġenda 2030.
7. Il-Kunsill jagħraf li l-NDICI-Ewropa Globali, filwaqt li huwa ħafna akbar kemm fl-ambitu tematiku kif ukoll f'dak reġjonali, jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway li wkoll trid taqdi rwol importanti fil-kisba tal-SDGs u tal-Ftehim ta' Pariġi b'mod partikolari billi tippromwovi wkoll l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli tal-bniedem. Huwa jħeġġeġ aktar riflessjonijiet dwar kif l-impatt tal-iżvilupp tal-NDICI-Ewropa Globali jista' jintuża aħjar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Global Gateway. Il-Kunsill jinnota li l-iżgurar tal-parteċipazzjoni tas-settur privat, b'mod partikolari l-Intrapriżi Żgħar u Medji, jibqa' sfida u jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar sforzi biex tindirizza dan l-element ewlieni għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija.
8. Rigward l-isfidi li fadal għall-implimentazzjoni effettiva tal-NDICI-Ewropa Globali, kif identifikati fir-rapport u fl-evalwazzjoni esterna, il-Kunsill jenfasizza l-aspetti li ġejjin:
- a. Il-Kunsill jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li, **bl-għaqda ta' diversi strumenti ta' finanzjament estern** tal-QFP 2014-2020, l-NDICI-Ewropa Globali qed jindirizza l-istruttura frammentata tal-arkitettura finanzjarja preċedenti. Il-Kunsill jilqa' l-valur miżjud li dan l-istrument iġib miegħu billi jipprovdi qafas aktar koerenti u integrat b'pilastru programmabbli u mhux programmabbli, u billi jipprovdi bażi legali unifikata għal sehem kbir tal-interventi esterni tal-UE. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ il-koerenza bejn il-politiki u l-prijoritajiet interni u esterni, u tqis l-impatt tal-politiki tal-UE fuq il-pajjiżi sħab.

- b. Il-Kunsill jinnota li s-simplifikazzjoni ta' diversi strumenti ta' finanzjament estern fl-NDICI-Ewropa Globali hija pass 'il quddiem f'termini ta' **ċarezza, effettività u trasparenza tal-appoġġ tal-UE għall-pajjiżi sħab tagħha u l-kooperazzjoni magħhom**. Minkejja dan it-titjib, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza l-isfidi persistenti. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tindirizza ż-żieda fil-komplessità għall-atturi lokali u s-soċjetà ċivili biex jipparteċipaw u jkollhom aċċess għall-finanzjament tal-programmi NDICI-Ewropa Globali.
- c. Il-Kunsill jinnota li filwaqt li l-**governanza tal-azzjoni esterna tal-UE** tgiebet taħt l-NDICI-Ewropa Globali, għandhom jiġu kkunsidrati aktar aġġustamenti f'konformità mat-tagħlimiet meħuda. Il-Kunsill jibqa' determinat li jkompli jipprovdi gwida strateġika u, għal dan l-għan, jissottolinja l-importanza tal-kondiviżjoni f'waqtha ta' informazzjoni simplifikata mill-Kummissjoni u s-SEAE kif ukoll id-disponibbiltà ta' data skont il-pajjiż, ir-reġjun u l-qasam tematiku, sabiex it-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi jiġi infurmat aħjar. Barra minn hekk, jappella lill-Kummissjoni biex tuża aħjar il-kumitat tal-NDICI-Ewropa Globali u l-Bord tal-EFSD+ għal diskussjoni mal-Istati Membri. Il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex isaħħu u jadattaw il-kapaċitajiet u l-għarfien espert, kemm fid-Delegazzjonijiet tal-UE kif ukoll fil-kwartieri ġenerali, u biex jallinjaw aħjar il-metodi ta' ħidma bejn Direttorati Ġenerali differenti, u jippreżentaw proposti biex jittejjeb u jiġi ssimplifikat il-proċess ta' programmazzjoni, biex b'hekk tissaħħaħ l-effiċjenza fil-ġestjoni tal-NDICI-Ewropa Globali. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda tirrapporta dwar ir-riżultati operazzjonali tal-NDICI-Ewropa Globali mill-2024. Huwa jinnota wkoll li hija meħtieġa aktar enfasi fuq l-analiżi kwalitattiva tar-riżultati biex jittejjbu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

- d. Il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-NDICI-Ewropa Globali jikkontribwixxi biex l-UE tkun tista' **tidħol fi djalogo mal-pajjiżi sħab** b'approċċ strateġiku, inklużiv, effiċjenti u mfassal apposta, ibbażat fuq ir-rispett, is-sħubija bejn partijiet ugwali, l-interessi komuni u r-responsabbiltà reċiproka. Il-Kunsill ifaħħar il-promozzjoni msaħħa tal-prijoritajiet komuni għall-UE u l-pajjiżi sħab kif ukoll l-approċċ għall-kooperazzjoni esterna tal-UE li jqiegħed il-politika l-ewwel. Jilqa' b'mod partikolari l-progress li sar għall-promozzjoni ta' sħubijiet aktar b'saħħithom u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi, inkluż mal-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ibbażati fuq sjieda bil-ħsieb li jitrawmu l-istabbilizzazzjoni, il-governanza tajba u t-tisħiħ tar-reżiljenza. Abbażi ta' dawn il-prinċipji, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tad-djalogo politiku mal-pajjiżi sħab, fallinjament mal-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali rispettivi, inkluż is-soċjetà ċivili lokali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa għal sjieda u allinjament imsaħħa, abbażi ta' interessi reċiproċi u valuri komuni. Rigward l-approċċ ibbażat fuq l-inċentivi, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fir-rapport.
- e. F'dan il-kuntest, l-opportunitajiet għal **kuntatti aktar strateġiċi**, inkluż il-komunikazzjoni, id-djalogo u permezz tal-organizzazzjoni ta' żjarat politiċi ta' livell għoli u missjonijiet ta' Tim Ewropa, għandhom jiġu esplorati aktar, filwaqt li jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda identifikati fir-rapport. Dan għandu jappoġġa wkoll il-fehim tas-sħab dwar l-opportunitajiet mogħtija mill-Istrument. Il-Kunsill jappella lill-membri ta' Tim Ewropa biex iżidu l-isforzi biex tissaħħaħ is-sjieda lokali, b'mod partikolari mill-komunitajiet, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
- f. Rigward l-**approċċ ta' Tim Ewropa**, il-Kunsill jilqa' l-involvement kollettiv akbar tal-atturi Ewropej fil-kooperazzjoni esterna tal-UE, il-kondiviżjoni u l-bini fuq l-għarfien u l-għarfien espert tal-membri ta' Tim Ewropa, abbażi tal-inklużività, u jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2023 dwar l-approċċ ta' Tim Ewropa. Il-Kunsill jistieden lill-membri ta' Tim Ewropa biex ikomplu jsaħħu l-kollaborazzjoni u s-sinerġiji bejn l-UE u l-kooperazzjoni bilaterali, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa għal konsultazzjonijiet imsaħħa, regolari, inklużivi u sostantivi, b'mod partikolari fil-livell tal-pajjiż filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-parteeċipazzjoni ta' daww l-Istati Membri mhux preżenti fuq il-post. Il-Kunsill japprezza li l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa qed isiru komponenti ewlenin tal-approċċ ta' Tim Ewropa u tal-implimentazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali.

- g. Il-Kunsill iqis li l-**prinċipju tal-ġeografizzazzjoni**, jiġifieri t-tisħiħ tal-pilastru ġeografiku bħala l-approċċ ewlieni tal-implimentazzjoni, ikkontribwixxa biex l-involvement tal-UE fuq il-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab jiġi ffukat aħjar, permezz ta' djalogu u konsultazzjoni aktar b'saħħithom u użu aħjar ta' mezzi komplementari bħall-pilastru tematiku li huwa essenzjali biex jiġu indirizzati sfidi orizzontali speċifiċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jinżamm approċċ ibbilanċjat reġjonalment u tematikament, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb is-sinerġija bejn il-programmi tal-pajjiżi, reġjonali u tematiċi kif ukoll l-appoġġ għall-beni pubbliċi globali, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-atturi ta' Tim Ewropa u l-pajjiżi sħab u, fejn rilevanti, mal-organizzazzjonijiet reġjonali. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-programmi tematiċi jipprovdu finanzjament komplementari essenzjali għall-programmi ġeografiċi biex jiġu indirizzati l-isfidi globali.
- h. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' involvement qawwi u kkoordinat ta' Tim Ewropa f'**kuntesti fraġli** u jilqa' l-varjetà ta' għodod offruti mill-NDICI-Ewropa Globali biex dan isir, inkluż permezz tal-Pilastru ta' Rispons Rapidu. F'dan ir-rigward, huwa jfakkar li l-appoġġ għall-"Paċi, l-Istabbiltà u l-Prevenzjoni tal-Konflitti" u għas-sigurtà huwa prijorità trażversali tal-NDICI-Ewropa Globali, inkluż fil-pilastri ġeografiċi. Għalhekk huwa jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ittejjeb ir-rabtiet bejn rispons għall-kriżijiet aktar flessibbli u żvilupp aktar fit-tul kif ukoll koerenza aktar b'saħħitha mal-istrumenti tal-PSDK f'konformità mal-Approċċ Integrat tal-UE għal Konflitti u Kriżijiet Esterni. F'dan il-kuntest, l-importanza li jiġu appoġġati l-oqfsa tas-sigurtà u tal-istat tad-dritt biex jinkisbu paċi u żvilupp sostenibbli hija kruċjali. Dan jinkludi l-appoġġ għal riformi legali u ġudizzjarji, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-bniedem, u l-promozzjoni ta' proċessi ta' paċi inklużivi u istituzzjonijiet inklużivi. Filwaqt li jtenni l-ħtieġa li l-Istati Membri jiġu assoċjati mill-qrib, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex ikomplu jappoġġaw popolazzjonijiet vulnerabbli f'kuntesti fraġli biex tinbena r-reżiljenza permezz ta' approċċ aktar effettiv, flessibbli, inklużiv, ibbażat fuq is-sħubiji, komprensiv, sostenibbli u sensittiv għall-konflitti. Dan għandu jinkludi ż-żieda fil-koerenza u l-flessibbiltà tal-istrumenti rilevanti, billi l-valutazzjonijiet tal-konflitti abbażi ta' informazzjoni lokali jintużaw bl-aħjar mod bħala bażi għal analiżi kondiviża, u billi tissaħħaħ ir-rabta bejn l-aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, billi jiġi promoss l-iżvilupp immexxi lokalment u jiġu esplorati approċċi reġjonali. Sabiex l-involvement isir aktar koerenti, il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal koordinazzjoni aktar sistematika bejn l-Istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Il-Kunsill jibqa' impenjat għal rispons aktar magħqud f'kuntesti fraġli.

- i. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li tiġi ppreservata ż-**żieda fil-flessibbiltà** introdotta mill-NDICI-Ewropa Globali, li ta' xhieda tar-rilevanza tiegħu, b'mod partikolari fir-rispons għas-sensiela ta' kriżijiet bla preċedent li għaddejjin bħalissa. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib kbir il-livell għoli ta' mobilizzazzjoni tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti s'issa. Il-Kunsill jara l-ħtieġa li jittejbu l-modalitajiet, il-kriterji u l-gwida għall-użu ta' din il-flessibbiltà u għal tmexxija aktar ċara u f'waqtha mill-Kunsill. Għalhekk jistieden lill-Kummissjoni għal riflessjoni konġunta dwar użu aħjar tar-riżerva u elementi flessibbli oħra tal-Istrument. Jissottolinja li għandhom jintużaw opzjonijiet ta' finanzjament programmabbli kull meta jkun possibbli.
- j. Il-Kunsill ifakkar fir-rilevanza tal-**miri u l-pakketti finanzjarji** kollha, u jenfasizza l-importanza tagħhom biex tiġi żgurata li l-implimentazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali tikkontribwixxi għall-oġettivi politiċi tal-UE u jibqa' impenjat li jiżgura miri fl-istrument ta' finanzjament estern li jmiss. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jafferma mill-ġdid b'mod speċifiku l-importanza li mill-inqas 93 % tal-finanzjament tal-NDICI-Ewropa Globali jkun rapportabbli bħala Għajjn Uffiċjali għall-Iżvilupp, li mill-inqas 20 % minnu għandu jikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem. Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, li skontha l-NDICI-Ewropa Globali ġeneralment jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-miri tal-infiq, iżda jappella għal aktar sforzi biex jintlaħqu l-miri kollha sal-2027, filwaqt li jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta passi konkreti. Il-Kunsill jissottolinja b'mod partikolari l-importanza li jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, peress li dawn bħalissa mhumiex qed jagħmlu progress biżżejjed. Il-Kunsill jinkoraġġixxi aktar investiment fl-għarfien espert u l-bini tal-kapaċitajiet fid-Delegazzjonijiet tal-UE u l-kwartieri ġenerali tagħhom sabiex jiġu applikati markaturi u l-miri jiġu mmonitorjati b'mod aktar rigoruż u d-data tintuża b'mod aktar strateġiku.

k. Il-Kunsill jilqa' l-potenzjal tal-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+)**, b'mod partikolari f'termini ta' effett ta' lieva għall-investimenti pubbliċi u privati u biex jiżdied l-aċċess għall-finanzjament fil-pajjiżi sħab. L-NDICI-Ewropa Globali kompli jsaħħaħ il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-azzjoni esterna tal-UE. Filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm konsistenza mal-SDGs, il-Kunsill jilqa' l-fatt li l-EFSD+ jikkontribwixxi għall-kisba tal-Aġenda 2030 billi jrawwem żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv fil-pajjiżi sħab. Jissottolinja r-rwol importanti tat-taħlit tal-UE fil-massimizzazzjoni tal-eżiti tal-iżvilupp. Fir-rigward tal-attenzjoni speċjali tal-EFSD+ għall-LDCs u l-ambjenti fraġli, il-Kunsill jinnota li għad fadal sfidi u hija meħtieġa aktar riflessjoni f'dan ir-rigward. Ir-rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar it-Tisħiħ tal-Finanzi Sostenibbli f'Pajjiżi b'Introjt Baxx u Medju huwa importanti f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol tal-Bord Strateġiku tal-EFSD+ biex jipprovdi gwida strateġika. Huwa jappella lill-Kummissjoni tirrifletti dwar iż-żieda ulterjuri tal-impatt tal-EFSD+ u tħaffef l-ikkuntrattar, tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-garanziji baġitarji, u ssaħħaħ l-involvement tal-partijiet ikkonċernati lokali. Il-Kunsill jilqa' r-rabtiet aktar mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji, u jenfasizza li d-diversità, l-esperjenza u l-mandati tal-istituzzjonijiet finanzjarji bħala parti mill-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp (EFAD) jistgħu jgħibu valur miżjud għall-politika Ewropea ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, u jinkoraġġixxi ż-żieda fil-kooperazzjoni bejn il-banek għall-iżvilupp u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej. Il-Kunsill jistenna b'interess li jiddiskuti l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna, f'konformità mal-Artikolu 42(5) tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali.

9. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati malajr ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport speċjali 14/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-programmazzjoni tal-NDICI-Ewropa Globali u jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Novembru 2023 dwar dan.

10. Fir-rigward tar-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-NDICI-Ewropa Globali, il-Kunsill jistenna b'interess id-djalogu mal-Kummissjoni u jappella għal proċess trasparenti, b'kont meħud tal-konklużjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament. Ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 ta' Frar 2024 dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

11. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jittieħdu t-tagħlimiet kemm mir-rapport tal-Kummissjoni u kemm mir-rapport dwar l-Evalwazzjoni ta' Nofs it-Terminu, kif ukoll mill-esperjenzi tal-Istati Membri sabiex jinformat d-diskussjonijiet dwar is-suċċessur għall-istrument taħt il-QFP li jmiss.
12. Il-Kunsill jistenna b'interess l-implimentazzjoni tal-gwida strateġika tiegħu u jhegġegħ l-użu tal-NDICI-Ewropa Globali biex ikompli jiġi massimizzat l-impatt ta' Tim Ewropa fuq l-iżvilupp u l-paċi filwaqt li jikkontribwixxi għar-rwol ġeopolitiku tal-UE.
-